MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Numru 565/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Helga Debono)**
**vs**
**Harold Buhagiar**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Harold Buhagiar ta 55 sena, bin Saviour u Carmela nee' Abela imwieled Valletta fit-8 ta' April 1946 u residenti Blk A, Flat 1, Govt. Buildings, Old Bakery Street, Valletta, detentur ta' karta ta' identita numru 324546(M) akkuzat talli:

a. F'dawn il-gzejjer, fix-xahar ta' Gunju 2001 u fiz-zmien ta' qabel, fuq il-Monti tal-Belt xjentement qeghed fic-cirkustanzi, biegh jew zamm ghall-bejgh, jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew

emblema imxebhin b’qerq u cioe diversi videos u dan bi ksur ta’ l-artikolu 298(1)(f) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. Bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproceda jew ikkopja jew biegh \, qassam jew moe idhor offra ghal bejgh jew biex iqassam xi artiklu jew xi haga ohra u cioe diversi CDs, music cassettes, videos, u sportsware bil-marka Ferrari u McLaren bi ksur ta’ jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe t-Twentieth Century Fox Film Corporation kif ukoll il-Grand Prix Corporation u socjetajiet ohra, li taghhom is-socjeta’ Patrick Galea LL.D. u Dr. Pierre Lofaro LL.D. huma rapprezentanti, protetti bil jew taht il-ligi ta’ Malta, u dan bi ksur tal-artikolu 298(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-verbal tal-4 ta’ Novembru 2002.

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni f’dik l-udjenza.

Rat l-atti u d-dokument kollha.

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat li ippersista fiha anke wara li nghata zmien jikkonsidra, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 298(1)(f) u 298b(1) tal-Kap 9 u qieset il-fatturi kollha tiddecidi li tillibera lill-imputat bl-applikazzjoni tal-Artiklu 9 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sena millum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------